# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023**

**Numru 6**

**Rikors Numru 955/20TA**

**Mary Rose Bartolo (K.I. 18356M)**

**Dolores sive Doris Magro (K.I. 288058M)**
**Emanuel Camilleri (K.I. 783144M)**

**Carmelo sive Charles Camilleri (K.I. 347247M)**
**Helen Camilleri eredi ta' Joseph Camilleri (K.I. 878750M)**

**Helen Camilleri fil-vesti tagħha ta' mandatarja tal-assenti Jacqueline Cunningham (K.I. 506668M) kif awtorizzata minn prokura annessa u mmarkata Dok. HC1**

**vs.**

**Dr. Victor Bugeja u PL Davina Ellul Sullivan nominati b'digriet tad-19 ta'Jannar 2022 bħala Kuraturi Deputati sabiex jidhru għall-assenti Charoline Camilleri (K.I. 104874M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mary Rose Bartolo u oħrajn (l-Atturi) tat-22 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u disgħin (26/01/1998) miet Victor Camilleri, missier Emanuel, Carmelo, Mary Rose, Doris, Joseph u Anthony aħwa Camilleri.

2. Skont ma jirriżulta mir-riċerki testamentarji, l-eredita' tal-imsemmi defunt Victor Camilleri hija irregolata permezz ta' żewġ testmenti magħmula fl-atti tan-Nutar Marthese Felice nhar it-tlieta u għoxrin ta' Novembru elf disa' mija u tmienja u disgħin (23/11/1993) u nhar it-tmienja ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u disgħin (08/01/1998) rispettivament (Dok. A). Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet testamentarji, d-defunt Victor Camilleri, ħalla diversi legati, filwaqt li nnomina u istitwixxa bħala eredi universali ta' ġidu lis-sitt (6) uliedu Emanuel, Carmelo, Mary Rose, Doris, Joseph u Anthony aħwa Camilleri, fi kwoti indaqs bejniethom (Dok. 'B','Ċ' u 'D').

3. L-assi bankarji tal-mejjet Victor Camilleri, għadhom ma ġewx likwidati u maqsumin. Illi r-rikorrenti ilkoll iridu li ssir il-qasma ta' kwalsiasi assi bankarji u/jew finanzjarji li jappartjenu lill-mejjet Victor Camilleri.

4. Minkejja li l-intimata li ġiet debitament interpellata sabiex tersaq għad-diviżjoni bonarja ta' dawn l-assi bankarji u/jew finanzjarji, hija baqgħet inadempjenti.

5. Għandu jingħad li Joseph Camilleri, iben il-mejjet Victor Camilleri, miet fit-tletin ta' Jannar elfejn u ħmistax (30/01/2015), fejn in virtu' tal-aħħar testment tiegħu magħmul fl-atti tan-Nutar Joanne Lija magħmul nhar is-sebgħa u għoxrin ta' Marzu elfejn u tnax (27/02/2012), huwa nnomina u stitwixxa bħala eredi universali tiegħu lill-martu rikorrenti Helen Camilleri. In oltre, Anthony Camilleri iben l-imsemmi Victor Camilleri, miet fis-sitta u għoxrin ta' Jannar elfejn u ħdax (26/01/2011); dan ħalla żewġt ulied ossija r-rikorrenti Jacqueline Cunningham u l-intimata Charoline Camilleri. Għalhekk l-imsemmija komparenti, jirtu l-porzjon ta' missierhom bid-dritt tar-rappreżentazzjoni.

6. Ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti.

Raġuni tat-Talba

1. Għaldaqstant, kellha ssir din il-kawża.

Talbiet:-

Tgħid għalhekk l-intimata, ‘il għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tillikwida l-assi bankarji tal-mejjet Victor Camilleri u kwalunkwe assi oħra li jirriżultaw mhux diġa’ maqsuma;

2. Konsegwentement tiddividi, l-assi bankarji u/jew finanzjarji u/jew assi oħra bejn il-partijiet, skont l-ishma rispettivi tagħhom, derivanti skont l-aħħar xewqat tad-defunt Victor Camilleri;

3. Taħtar nutar sabiex jippubblika kull att u/jew dokument neċessarju sabiex tali assi jiġu mħallsa lill-kontendenti skont it-talbiet preċedenti, fid-data u l-ħin li jidhrilha din l-Onorabbli Qorti, bil-ħatra tal-kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, li tinsab inġunta minn issa għas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi preżentata fl-14 ta’ Frar 2022 li permezz tagħha wieġbu li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta’ April 2023 fejn, wara li l-kuratur Dr. Victor Bugeja ddikjara li m’għandu ebda informazzjoni fejn jista’ jikkomunika ma’ l-imsemmija Charoline Camilleri u għalhekk m’għandu ebda provi xi jressaq, u wara li fid-dawl ta’ dan il-partijiet għalqu l-provi tagħhom u ddikjaraw li qed jistrieħu fuq l-atti, il-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** B'din l-azzjoni, l-Atturi Mary Rose, Dolores, Emanuel u Carmelo aħwa Camilleri, Helen mart ħuhom l-ieħor il-mejjet Joseph Camilleri u Jaqcueline bint ħuhom l-ieħor ukoll mejjet Anthony Camilleri, qed jitolbu d-diviżjoni tal-assi bankarji u/jew finanzjarji tal-mejjet missierhom u nannuhom Victor Camilleri. Dan minħabba li ma jridux jibqgħu fi stat ta' komproprjetá mal-konvenuta, wkoll werrieta tal-imsemmi Victor Camilleri li jiġi n-nannu tagħha.

**2.** Jirrisulta li Victor Camilleri miet fis-26 ta' Jannar 1998 (ara dikjarazzjoni causa mortis a' fol 17). Mir-riċerki testamentarji tiegħu (a' fol 8) jirriżulta li Victor Camilleri u martu Maria Vittoria għamlu żewġ testmenti unica charta datati 23 ta' Novembru 1993 (a' fol 11) u 8 ta' Jannar 1998 (a' fol 15).

**3.** Fis-sebá artikolu tat-testment datat 23 ta' Novembru 1993, Victor Camilleri innomina bħala eredi universali tiegħu lil uliedu kollha li huma Anthony, Emmanuele, Carmelo, Joseph, Mary Rose mart Frans Bartolo u Doris mart Carmelo Magro, sitt aħwa Camilleri, f'sehem indaqs bejniethom (ara fol 13). Għaldaqstant il-kwota ereditarja li tmiss lil kull wieħed minn dawn is-sitt ulied mill-assi ta' missierhom Victor Camilleri huwa ta' wieħed minn sitta (1/6).

**4.** Min-naħa tagħha u permezz tal-istess artikolu, Maria Vittoria mart Victor Camilleri innominat bħala eredi universali tagħha lis-sitt uliedha kollha appena msemmija, aħwa Camilleri, kif ukoll lil binha Lorenzo Camilleri mill-ewwel żwieġ tagħha ma' Lorenzo Camilleri f'sehem indaqs bejniethom. Għaldaqstant il-kwota ereditarja li tmiss lil kull wieħed mis-sitt ulied ta' Victor Camilleri mill-assi ta' ommhom Maria Vittoria Camilleri huwa ta' wieħed minn sebgħa (1/7).

**5.** Skont kif ġie premess, l-aħwa Joseph u Anthony Camilleri mietu fit-30 ta' Jannar 2015 u 26 ta' Jannar 2011 rispettivament. Kopja taċ-ċertifikati rispettivi tal-mewt ma ġewx preżentati fl-atti.

**6.** Ġie premess ukoll li, in virtù tal-aħħar testment tiegħu datat 27 ta' Frar 2012, Joseph Camilleri nnomina bħala eredi universali tiegħu lill-martu l-Attrici Helen Camilleri, filwaqt li Anthony Camilleri ħalla bħala eredi lil żewġ uliedu l-Atturi Jacqueline Cunningham u l-konvenuta Charoline Camilleri.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**7.** L-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 496 tal-Kodiċi Ċivili. Il-prinċipji ġuridiċi marbutin ma' din l-azzjoni ġew esposti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Maria Grima Baldacchino v. Antonia sive Tania Baldacchino et datata 13 ta' Mejju 2013** kif ġej:

*“20. Illi b’mod generali, il-ligi, ghalkemm tirrikonoxxi l-istat tal-komunjoni tal-proprjetá, ma tharisx lejh b’mod favorevoli, kemm ghax dan l-istat jista’ jwassal ghal diversi litigji u kawzi bejn il-komproprjetarji, kif ukoll ghax jillimita l-uzu li dawn individwalment jistghu jaghmlu tal-proprjeta` taghhom. Dan huwa l-hsieb wara l-Artikolu 496 li, sa fejn hu relevanti jiddisponi li: “[1] Hadd ma jista’ jigi mgieghel li jibqa’ fil-kumunjoni, u kull wiehed mill-komproprjetarji jista’ dejjem ... ... jitlob il-qasma...”*

*21. Konformament mal-hsieb tal-ligi, il-gurisprudenza nostrana nisslet il-principju ormai assodat li fil-kaz ta’ assi ereditarji [familiae erciscundae] m’hijiex permessa divizjoni parzjali, jekk mhux bil-kunsens tal-kompropretarji kollha.*

*22. Huwa minnu li l-istess hsieb wassal sabiex dan il-principju jigi estiz ukoll ghal actio de communi dividundo bhal fil-kaz* ***Giorgio Pulo v. Francesco Pulo*** *(**PA [WH] deciz 1 Frar 1936 – Vol.XXIX!.ii. 941**. Dan kien kaz fejn intalbet id-divizjoni ta’ erba’ mezzanini adjacenti ma’ xulxin proprjeta` indiviza tal-kollitiganti. Ara ukoll: App.C.* ***Joseph Borg v. Emanuele Vella deciza 3 Marzu 1995****).*

*23. Izda kull kaz ghandu jigi ezaminat singolarment fuq il-mertu tieghu (**PA [JRM] Paul Camilleri v. Frank Camilleri 10 Jannar 2008**).*”

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**8.** Jirriżulta li l-assi bankarji f’isem Victor Camilleri huma s-segwenti:

1. Flus depożitati fil-kont bankarju numru 4002129676 mal-BOV bl-isem 'Heirs of the Late Mr. Victor Camilleri' fl-ammont ta' €8,872.38 (ara xhieda ta' Joanna Bartolo a' fol 85 u l-aħħar bilanċ tal-istatement Dok JB1 a' fol 99);

2. Flus depożitati f'kontijiet bankarji mal-HSBC, ukoll bl-isem 'Heirs of the Late Mr. Victor Camilleri' kif ġej:

    a. Kont bankarju numru 027057454050 fl-ammont ta' €1,901.47 (ara l-aħħar bilanċ tal-istatement Dok LA1 a' fol 223);

    b. Kont bankarju numru 027057454100 fl-ammont ta' €5,931.61 (ara l-aħħar bilanċ tal-istatement Dok LA2 a' fol 224 sa 247);

    c. Kont bankarju numru 027057454101 fl-ammont ta' €8523.76 (ara l-aħħar bilanċ tal-istatement Dok LA3 a' fol 248 sa 269);

    d. Kont bankarju numru 027057454102 fl-ammont ta' €3,727.00 (ara l-aħħar bilanċ tal-istatement Dok LA4 a' fol 270 sa 289);

    e. Kont bankarju numru 059029710100 fl-ammont ta' €9085.00 (ara l-aħħar bilanċ tal-istatement Dok LA5 a' fol 290 sa 307);

**9.** Isegwi għalhekk li l-valur totali tal-assi finanzjari ta' Victor Camilleri jammontaw għal **€38,041.22**.

**10.** Isegwi għalhekk li l-kwota ereditarja li tmiss lis-sitt uliedu, ossia l-Atturi Mary Rose, Dolores sive Doris, Emmanuel, Carmelo, u l-mejta Anthony u Joseph aħwa Camilleri, hija ta' **<u>€6,340.20</u>** kull wieħed.

**11.** Is-sehem tal-Attrici Helen Camilleri, qua l-eredi ta' żewġha Joseph Camilleri, huwa għalhekk ta' **€6,340.20**. Is-sehem li jmiss lill-Atturi Jacqueline u l-konvenuta Charoline aħwa Camilleri, qua l-eredi ta' missierhom Anthony Camilleri, huwa ta' **€3,170.10** (€6,340.20 ÷ 2) kull wieħed.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tillikwida l-assi bankarji tal-mejjet Victor Camilleri bil-mod kif indikat f'din is-sentenza.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** billi tassenja lil kull wieħed mill-aħwa Camilleri, ulied il-mejjet Victor Camilleri, parti minn sitta (1/6) mid-depożiti bankarji kif indikati fis-Sentenza u kwalsiasi imgħaxxijiet li ddekorrew fuqhom, u fil-waqt fil-każ ta' l-Attriċi l-oħrajn Helen mart il-mejjet Joseph, l-Attriċi Jacqueline u l-konvenuta Charoline Camilleri, ulied il-mejjet Anthony jirċievu l-ammonti fuq indikati ukoll bl-imgħaxijiet li ddekorrew fuqhom.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba** billi ma hix meħtieġa.

Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu b'mod indaqs bejn il-partijiet kollha għall-Kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**